MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 598/2007

**Fairs & Exhibitions Limited (C-2599)**

***kontra***

**Noel Calleja**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fid-29 ta’ Mejju 2007 li jaqra hekk :

*1. Illi fis-sena 2005 is-socjeta’ rikorrenti ngaggat lill-intimat bhala konsulent taghha in konnessjoni mal-festeggamenti li hija kienet qed izzomm f’gheluq il-hamsin sena li l-Korporazzjoni tal-Fjeri ilha mwaqqfa.*

*2. Illi l-intimat kellu diversi mansjonijiet sabiex jespleta l-inkarigu lilu fdat u fosthom kellu wkoll jorganizza l-Requiem Concert li nzamm fil-Konkattidral ta' San Gwann fil-Belt Valletta.*

*3. Illi l-intimat naqas serjament fid-doveri tieghu fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti u kkawzalha hafna danni li s-socjeta' rikorrenti tikkalkola li jilhqu s-somma ta' Lm32,708.50.*

*4. Illi fil-korrispondenza li giet skambjata mal-intimat huwa jammetti li huwa ghandu jirrifondi lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' Lm20,800, liema somma ma kenitx giet accettata mid-dirigenti tas-socjeta' rikorrenti, li kienu qed jippretendu ferm izjed izda f'laqgha li nzammet mieghu kien gie miftiehem li attwalment is-somma li kellu jirrifondi lura l-intimat lis-socjeta' rikorrenti kienet dik ta' Lm23,000, purche' li huwa jgib ukoll garanti ghall-pagament taghha billi l-intimat kien qal li ma kienx f'posizzjoni li jhallasha kollha f'daqqa. Illi rrizulta li l-intimat ma setax jottjeni l-garanti li kien ipprometta.*

*5. Illi mitlub jirrimedja l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tadixxi din il-Qorti.*

*6. Illi l-ammont dovut mill-intimat huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tad-dirigenti tas-socjeta' rikorrenti l-intimat ma ghandux ebda kontestazzjoni x'jaghmel.*

*7. Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji illi (1) tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-artiklu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u (2) konsegwentement prevja li l-intimat jigi dikjarat*

*responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti, tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' Lm32,708.50, minnu stess, almenu in parti ammessa bhala dovuta lis-socjeta' rikorrenti – kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi.*

*8. Bl-imghax legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta' Lm25, drittijiet legali ghad-diversi skambju ta' korrispondenza mieghu u mal-avukat tieghu u inkontri mieghu mizmuma kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija attrici u l-affidavit ta` Charles Busuttil li kien anness mar-rikors mahluf.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta' Gunju 2007 (fol 8) fejn, wara li kienet tal-fehma li l-konvenut seta` kellu raguni fuqhiex jikkontesta t-talba attrici, tat lill-istess konvenut zmien ghoxrin jum sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. It-terminu kien estiz b'gimgha ohra b'effett mit-30 ta' Lulju 2007 wara digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti f'dak l-istess jum.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Novembru 2007 (fol 13) fejn ammettiet il-prezentata tar-risposta tal-konvenut, ghalkemm il-kumpannija attrici kienet talbet l-isfilz taghha peress illi rrizulta li kienet dahlet tardivament.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut li kienet prezentata fid-29 ta` Ottubru 2007 u taqra hekk –

*1. Illi l-esponenti mhuwiex responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta` attrici stante li kull pagament u attivita` giet approvata mill-management u mid-diretturi tal-kumpannija rikorrenti.*

*2. Illi minkejja li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet dwar xi allegazzjoni ta` accettazzjoni jew le tad-danni dan sar dejjem minghajr pregudizzju da parte tal-esponenti u qatt ma sar ftehim dwar jekk l-esponenti ghandux ihallas jew le ghall-allegati danni.*

*3. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` rikorrenti u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut.

Qieset il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fid-9 ta` Novembru 2009 (fol 169 sa 183).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut li kienet prezentata fl-1 ta’ Marzu 2010 (fol 186 sa 189).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Din tal-lum hija kawza ghal danni kontrattwali. Il-kumpannija attrici tallega li l-konvenut, li kien impjegat taghha, ikkagunalha danni minhabba nuqqas jew inadempjenzi fit-twettieq tal-inkariki li kien inghata u fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu.

Fil-kaz ta' azzjoni ghal danni naxxenti minn responsabbilita` kontrattwali, tinkombi lill-attur il-prova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni taghha.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija attrici tallega li garrbet danni fl-ammont komplessiv ta' Lm 32,708.50 illum €76,190.30 ghaliex fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet li kellhom ifakkru l-hamsin (50) anniversarju mit-twaqqif tal-Korporazzjoni tal-Fieri, il-konvenut li kien impjegat maghha bhala *Sales & Marketing Manager* naqas fit-twettieq tad-dmirijiet li kien assenjalu l-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija b`mod li minflok ghamlet qligh jew almenu stat ta' *break-even,* spiccat tilfet u tilfet sewwa.

Il-konvenut jiddefendi ruhu fis-sens illi filwaqt li jaccetta li kien addett organizzazzjoni tal-attivitajiet li kellhom ifakkru l-hamsin (50) anniversarju mit-twaqqif tal-Korporazzjoni tal-Fieri jichad li ghamel xi haga hazina anzi jsostni li kull pass li ghamel, inkluz fejn jirrigwarda *sponsorships* u finanzi, l-agir tieghu kien approvat mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija attrici.

In vista tal-fatt li l-vertenza hija nkwadrata fl-ambitu tad-disposizzjonijiet tal-ligi dwar il-kolpa kontrattwali, din il-Qorti hija obbligata li tezamina n-natura tal-ghemil sabiex tistabilixxi kienx hemm kolpa nkella le.

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza “**<u>Vassallo vs Mizzi et</u>**” deciza fid-9 ta’ April 1949, (Kollez. Vol. XXXIII.II.379) kienet trattata l-kwistjoni tal-htija kemm fejn hemm relazzjoni kontrattwali kif ukoll fejn kuntratt ma hemmx, u nghad hekk –

“*il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita’ taghha, hija wahda ; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta ; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita’ fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista’ jirrispondi ta’ htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita’ testendi ruhha b’mod li dwarha ma hemmx grad.”*

F`dik is-sentenza, kienet trattata wkoll il-possibilita` li minhabba c-cirkostanzi partikolari ta` l-kaz tinbet responsabbilita` extra-kontrattwali li ssib l-origini taghha f`inadempjenza kontrattwali. In effetti l-Qorti qalet illi “*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita’ kontrattwali u htija aquiliana ... jista’ jkun hemm materja ta’ delitt jew kwazi-delitt anke f’materja ta’ obbligazzjonijiet konvenzjonali ; f’liema ipotesi l-parti lesa jista’ jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale.”*

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti gharblet bir-reqqa l-provi li ressqu l-partijiet kemm fl-ghamla ta’ affidavits, kemm permezz ta` dokumenti, kif ukoll ix-xhieda *viva voce.*

Tibda billi tistabilixxi l-punti ta` dritt li jirregolaw l-qies tal-provi. U tghid li kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Propju minhabba f`hekk il-gudikant ikun f’qaghda li
jfassal il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta’ dritt, din il-Qorti tghid li, anke f`dan il-kaz, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew inkella ghandhiex din il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Il-provi tal-kumpannija attrici huma mpernjati principalment fuq ix-xhieda ta’ George Said li fiz-zmien in kwistjoni kien il-*General manager* taghha kif ukoll fuq id-dokumenti esebiti minn dan ix-xhud. George Said xehed bl-affidavit u ma sarx kontroezami tieghu. Min-naha tieghu, il-konvenut iddefenda ruhu bix-xhieda tieghu viva voce u d-dokumenti esebiti minnu. Huwa wiegeb ghal domandi in kontroezami.

Jirrizulta li l-kumpannija attrici mpjegat lill-konvenut bhala Sales & Marketing Manager fl-2004 bix-xoghol ewlieni tieghu jkun li jbiegh l-ispazju tal-art gestita mill-kumpannija attrici lil diversi negozjanti u esebituri li jiehdu sehem fil-fieri li tniedi l-Korporazzjoni tal-Fieri matul is-sena, inkluza dik generali li ssir fis-sajf. Billi fl-2005 u allura wara l-ingagg tal-konvenut, il-kumpannija kienet ser ticcelebra l-hamsin anniversarju mit-twaqqaf tal-

Korporazzjoni tal-Fieri, il-konvenut inghata l-inkariku wkoll li jiehu hsieb l-organizzazzjoni tal-attivitajiet celebrativi. Infatti l-konvenut kien ikun l-*Executive producer* tal-attivitajiet kollha. Mill-*curriculum vitae* tal-konvenut, jirrizulta li kien persuna kompetenti u ta` esperjenza f`dan il-qasam. L-involviment tieghu fl-attivitajiet celebrativi kien parti mix-xoghol tieghu tant hu hekk li l-istess konvenut jaccetta li huwa ma kien se jaghmel l-ebda profitt personali mir-rikavat tal-attivitajiet celebrativi peress li kien jircievi l-paga.

Mill-provi jirrizulta li dawn ic-celebrazzjonijiet kellhom jiehdu x-xejra ta` attivitajiet kulturali ta` livell gholi. Il-mira tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija kien li minn dawn l-attivitajiet ma jkunx hemm telf ; kienu se jkunu kuntenti hafna bi stat ta` *break-even* (kif xehed l-istess George Said) izda mhux telf. Il-konvenut kien assikura lill-bord li l-i*sponsors* (li kienu diversi) kienu accettaw verbalment li jaghtu l-appogg finanzjarju taghhom basta r-rapprezentazzjonijiet ikunu ta` kalibru gholi. L-istimi tal-konvenut kienu li l-kumpannija attrici kienet sejra taghmel il-qligh. Il-bord ta struzzjonijiet lill-*General manager* sabiex jinsisti mal-konvenut li jassikura li jinstabu *sponsors* tajbin biex ikunu koperti l-ispejjez. Mela skond il-kumpannija attrici r-ricerka tal-i*sponsors* kienet parti mill-inkariku tal-konvenut.

Irrizulta li l-*events* il-kbar kellhom ikunu il-*Carmina Burana* fi Frar 2005, *A Night with Lloyd Webber* f'Gunju tal-2005 u l-kuncert *Requiem* ta` Sir Andrew Lloyd Webber f'Novembru 2005. L-ewwel tnejn fil-fatt saru fic-Centru tal-Konferenzi l-Belt Valletta u l-kuncert fil-fatt sar fil-Konkatidral ta` San Gwann. L-involviment ta' Sir Lloyd Webber kien bazat fuq hbiberija kbira li kellu l-konvenut kellu mal-istess kompositur u mal-*operating company* tieghu bl-isem 'Really Useful Group' (minn issa 'l quddiem tissejjah 'RUG').

Ghalkemm l-ewwel *events* kienu success mil-lat organizzativ, il-bord ma kienx kuntent mil-lat ta` finanzi l-aktar minhabba d-diskrepanza li kienet registrata fil-bejgh tal-biljetti u cioe` bejn  dawk attwalment mibjugha u dawk progettati li jinbieghu.  Anke hawn il-bord qaghad fuq il-kelma konvincenti tal-konvenut li kollox kien miexi tajjeb ghalkemm baqghet issir insistenza mal-konvenut li l-infieq ikun kopert mill-i*sponsors*.

L-ewwel zewg attivitajiet kienu jinvolvu introjtu dirett ghall-kumpannija attrici mill-bejgh ta` biljetti.  L-ahhar attivita` u cioe` l-kuncert orkestrali fil-Konkatridal ta` San Gwann fejn kien se jittella` r-*Requiem* ta` Sir Andrew Lloyd Webber kienet ser tkun bla hlas ta` entratura peress li t-tmexxija tal-Konkatidral ta` San Gwann ma tippermettix li sabiex persuni jidhlu fil-Konkatidral ghal attivita` ta` dik ix-xorta jkollhom ihallsu.  Il-konkorrenza tal-i*sponsors* kienet sejra tkun vitali billi sabiex jittella` dan ir-*Requiem* l-ispiza kienet ser tkun qawwija hafna.

Il-kumpannija attrici istitwiet il-kawza tal-lum <u>unikament</u> minhabba d-disfatta finanzjarja li nkorriet meta sar il-kuncert tar-*Requiem*.

Din il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-attivitajiet precedenti ghar-*Requiem* hija rilevanti sabiex jigi determinat l-inkariku, ir-responsabilitajiet u d-direzzjoni li kellu l-konvenut minghand l-employer tieghu fir-rigward tal-attivitajiet celebrativi kollha kif ukoll il-kondotta tal-istess konvenut.  Izda ladarba il-kumpannija attrici qeghda tippretendi li garrbet danni kagun ta` nuqqas jew htija tal-konvenut fl-organizzazzjoni tal-kuncert tar-*Requiem*, <u>ghall-fini ta` din il-kawza</u>, il-provi rilevanti ghandhom jitqiesu bhala dawk li jirrigwardaw direttament ir-*Requiem*.

Kienu prezentati ghadd ta` dokumenti miz-zewg partijiet pero` minn ebda wiehed in partikolari ma jirrizultaw l-istruzzjonijiet <u>precizi</u> li kellu l-konvenut.  Din il-

Qorti ikollha ghalhekk tistrieh fuq dak li kien mistqarr mix-xhieda u tislet mid-dokumenti esebiti fejn hemm riferenza diretta jew indiretta ghal dawk l-istruzzjonijiet sabiex tasal ghall-fondatezza o meno tat-talbiet attrici.

Ladarba fil-kaz tal-kuncert tar-*Requiem* l-adezjoni tal-i*sponsors* ghas-success finanzjarju tal-attivita` kien vitali, l-ghaqal u l-prudenza kienu jesigu fir-rigward tal-kumpannija attrici li tassikura ruhha mill-bidu sal-ahhar li se ssib il-kenn tal-i*sponsors* u dan b`impenn car u bil-miktub u fir-rigward tal-konvenut ma jassumi xejn u jiggwida tajjeb lill-principali tieghu kif kien dmir tieghu.

L-inkwiet inqala` meta l-HSBC Bank Malta plc irtirat mill-i*sponsorship* tal-kuncert tar-*Requiem*. Il-fatt li gara hekk ma kienx tort ta` xi nuqqas tal-konvenut. Mhux kontestat li l-ftehim kien negozjat mhux mill-konvenut izda mill-*General manager*. L-i*sponsorshi*p kien ta` Lm 50,000 in kwantu ghal 50% fi flus u l-50% l-ohra kienu rohs fuq l-imghax ta` self li kienet se tiehu l-kumpannija attrici minghand HSBC ghall-izvilupp ta’ sit gewwa Ta` Qali. Gara li l-MEPA ma tatx il-permess, l-izvilupp ma setax isir, ma kienx aktar il-htiega ta` self, sfuma l-vantagg finanzjarju li kien se jiehu HSBC u kwindi rtirat l-i*sponsorship*.

Il-konvenut xehed hekk -

*Jiena kont issuggerejt lis-sur George Said li huwa l-General Manager li jiena kont nirrispondi ghalih il-hin kollu, u ghidtlu ghax ma ngibux l-HSBC bhala main sponsor u ovvjament bhala exclusive sponsor ihallas ammont ta’ flus illi dan jigi muri ovvjament, ikollu l-promotion necessarji ghal dawn il-kuncerti. Is-Sur George Said kien innegozja ma Shaun Wallis li huwa s-CEO fejn dawn kienu ftehmu li jinghata Lm50,000 ghal tlett kuncerti li kienu ha jsiru. Id-deal pero’ kien illi jinghata Lm25,000 on a cash basis mal-ewwel u l-kumplament once li ttiehed il-facility tal-loan fuq il-proprjeta’, kienet titnaqqas mill-*

*interessi li kienu ha jigu nvoluti. Is-Sur George Said, jien ma kelli x'naqsam xejn, kien iffirma u accettaw dad-deal, infatti bdew isir s-shows …*

Din il-Qorti ssib li tlieta kienu l-fatturi li wasslu ghat-telf :

1) Illi wara li HSBC Bank Malta plc ma kompliex bl-i*sponsorship* tal-kuncert, realment u tabilhaqq ma kienx hemm sponsor alternattiv ;

2) Illi l-kumpannija attrici kellha dmir ta' sorveljanza fuq l-operat tal-konvenut u mhux tibqa` tohrog il-flus minghajr ma jkollha assikurazzjoni hi bil-miktub u ndipendenti minn dak li kien qed ighid il-konvenut li kienet sejra tifdi dak li kienet qed tohrog ;

3) Illi l-konvenut konsapevolment inkella minhabba kunfidenza zejda nkella minhabba traskuragni fil-fatt zvija lill-principali tieghu li fil-fatt il-flus li ma waslux minghand l-HSBC Bank Malta plc kienu ser jigu minghand sponsor iehor.

Qabel RUG dahal fix-xena bhala sponsor 'potenjali', u koxjenti tal-fatt li kienet se ggarrab telf minghajr l-introjtu tal-i*sponsors*, il-kumpannija attrici kellha ghazla quddiemha : jew thassar l-avveniment, inkella tmur oltre l-kelma tal-konvenut li accertaha li RUG kienu preparati jkopru l-ewwel sittin (60%) imbaghad tmenin fil-mija (80%) tal-ispejjez. In segwitu rrizulta li l-konvenut ma kellu xejn f'idejh u allura l-kumpannija attrici kellha taffronta l-ispejjes wahedha.

Il-kumpannija attrici tallega illi l-konvenut dahaq biha meta accertaha li RUG kienet lesta tkopri 80% ta' l-ispejjez tal-kuncert. Issa hawn irid jinghad li l-kumpannija attrici kienet diga` taf bl-RUG ghar-raguni li, indipendentement mill-kwistjoni tal-infieq, RUG kienet ghamlet il-kondizzjonijiet taghha (li kienu accettati mill-

kumpannija attrici) sabiex taghti l-permess ghall-kuncert tar-Requiem. Veru li l-kuntatt sar direttament mal-konvenut, veru wkoll li l-konvenut kellu kuntatti personali ma` RUG precedenti ghall-impieg tieghu mal-kumpannija attrici, pero` huwa veru wkoll li ma kien hemm l-ebda xkiel ta` xejn sabiex il-kumpannija attrici taghmel kuntatt <u>preventiv</u> ma` RUG sabiex taccerta l-posizzjoni taghha bla ma kellha ghalfejn tiddubita *a priori* mill-kelma tal-konvenut izda dan kollu ma sarx. Dan kollu jassumi rilevanza qawwija ghaliex aktar tard, wara li nqalghet il-krizi tat-telf mill-kuncert *Requiem*, sar kuntatt <u>dirett</u> ma` Paul Robinson ta` RUG li kkonferma li ma kien hemm l-ebda impenn ta' *sponsorship* minn RUG. Mela tqum id-domanda : ghaliex dan kollu ma sarx qabel ?

Accertat li l-konvenut naqas mhux biss *moralment* (kif ikkontenda hu) izda anke *legalment* din il-Qorti tara li kien hemm nuqqas ukoll min-naha tal-kumpannija attrici <u>ghalkemm fi grad inferjuri</u> ghal dak tal-konvenut. Ghaliex una volta li l-kumpannija attrici kienet deciza li tibqa` sejra kellha tinsisti fuq impenn bil-miktub mhux fuq il-kelma.

Bhala fatt, ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi poteri ezekuttivi inkluz fejn jidhlu l-flus, u allura lanqas kien awtorizzat jiffirma *cheques* tal-kumpannija (ara l-affidavit ta` Raphael Micallef – a fol 34). L-argument tal-kumpannija attrici hu li hija kienet tafda fil-kompetenza tal-konvenut fis-sens li meta kien jipprezenta xi talba ghall-hlas, hija kienet tohrog il-pagament l-aktar meta tqis li kellha l-assikurazzjoni tal-konvenut li kien hemm kopertura finanzjarja ghall-attivitajiet. Raphael Micallef jixhed hekk -

*Dak iz-zmien li graw l-affarijiet jien kont nokkupa l-kariga ta' tezorier tas-socjeta' attrici. Il-konvenut, ghalhekk, fil-kariga li kellu, kien jikkomunika mieghi kontinwament biex inkun nista' niffirma c-cheques li kien jippreparali hu stess u kien jghidli li c-cheques kienu jridu jigu ffirmati minnufih ghax altrimenti l-events li kienu ser isiru kienu jigu*

*mhassra. Fi kliem iehor kien jaghmilli premura biex dak li kien jipprepara hu jigi onorat.*

Fl-istess xehed Joseph Mifsud, li dak iz-zmien kien Chairman tal-kumpannija (fol 35) -

*Jien kont firmatarju mat-tezorier u nista' nghid ukoll illi l-konvenut kien jigri wara it-tezorier biex niffirmawlu ic-cheques kollha li kien jghid li kellu bzonn u kien jghidilna ukoll illi jekk nittrattjenu li niffirmaw kien hemm il-possibilita' li l-events jigu kkancellati.*

Bhala fatt il-kumpannija attrici kellha l-kontroll shih ta' l-infieq fis-sens li ebda pagament a favur terzi ma hareg minn wara dahar il-Bord tad-Diretturi. Mhux kontestat li kwalsiasi hlas li sar kien relatat mal-attivitajiet in kwistjoni. Id-disputa fir-realta` hija jekk bl-assikurazzjonijiet tieghu li kollox kien miexi sewwa, il-konvenut kienx svija lill-*General manager* u lill-Bord tad-Diretturi u allura jekk il-kumpannija attrici nkorriet pizijiet finanzjarji ghaliex dawk l-assikurazzjonijiet taru mar-rih, kellux jaghmel tajjeb personalment il-konvenut. Fl-istess waqt, hemm ukoll il-kwistjoni jekk id-dirigenti tal-kumpannija rhewx izzejjed ir-riedni ta' kollox f`idejn il-konvenut. Wara kollox il-kumpannija suppost li kellha xi sistema ta' awditjar intern sabiex tikkontrolla l-infieq. Kumpannija ma tistax tkun kondotta unikament fuq il-fiducja. Il-fiducja fil-*middle* u *senior management* trid tkun. Dawn irid ikollhom margini ta' diskrezzjoni kif jahdmu. Fl-istess waqt kumpannija ghandu jkollha mekkanizmi interni ta' kontroll ta` l-infieq li ghandhom jmorru lil hinn mill-fiducja. Wahda minnhom, forsi l-aktar importanti, kellha tkun li tassikura li l-i*sponsors* ikunu marbuta tassew u bil-miktub qabel taqbad it-triq tal-infieq. Din il-Qorti trid tghid li ma hi kuntenta xejn mill-mod kif kienu kondotti l-hwejjeg tal-kumpannija f`dan l-aspett partikolari. L-i*sponsors* ma kienux qeghdin jaghmlu pjacir lill-konvenut izda suppost li kellhom relazzjoni guridika shiha mal-kumpannija attrici.

Saret l-allegazzjoni li l-konvenut mhux biss svija lill-kumpannija attrici izda pprova jostor in-nuqqas tieghu billi ffabrika zewg *emails* bhala prova li RUG kienet tat l-i*sponsorship*. Allegazzjoni ta` din ix-xorta hekk serja kienet tispetta lill-kumpannija attrici anke in vista tal-fatt li l-konvenut cahad li ghamel xi haga hazina. Mhux kompitu ta` din il-Qorti li toqghod tifli t-test ta` kull *email* biex tara jekk huwiex awtentiku nkella le. U lanqas ghandha l-kompetenza teknika sabiex taghmel ezercizzju ta` dik ix-xorta. Fl-istess waqt lanqas il-kumpannija attrici ma ressqet xi talba ghall-hatra ta` xi espert fl-informatika sabiex isostni l-allegazzjoni taghha nkella nkarikat xi espert ex parte sabiex jaghtiha direzzjoni f`dan il-kaz. Striehet biss fuq l-allegata ammissjoni li l-konvenut ghamel ma` George Said li kif diga` nghad kienet smentita mill-konvenut. Ghalhekk f`dan il-kuntest u bhala qies ta' prova din il-Qorti se tiskarta bhala fatt pruvat l-allegazzjoni li saret u tkompli tizen l-agir tal-konvenut fil-kuntest tal-culpa kontrattwali milli ghal xi culpa *ex delicito* jew *quasi delicto*. Anke jekk sar rapport lit-Taqsima tal-Frodi tal-Pulizija ma rrizultat l-ebda prova ta' xi investigazzjoni jew passi li setghu ttiehdu mill-pulizija kontra l-konvenut.

Bhala fatt irrizulta li David Robinson ta` RUG cahad li l-kumpannija tieghu qatt accettat li tkun sponsor tal-kuncert. Dwar din ic-cahda kien hemm skiet perfett da parti tal-konvenut. Din il-Qorti tghid li rrizulta li l-konvenut tal-inqas b`imprudenza svija lid-dirigenti tas-socjeta' attrici meta accertahom li kien ser jikseb il-flus minghand RUG, u abbazi ta' dik l-assikurazzjoni, huma baqghu johorgu l-flus. Din il-Qorti taccetta li mhux minnu li David Robinson ta` RUG kien accetta li jhallas ghall-kuncert. Il-kumpannija qaghdet b`ghajnejha maghluqa fuq il-kelma tal-konvenut tant li wara li RUG baqghet ma effettwatx il-hlas li skond il-konvenut kellha taghmel, il-*General manager* cempel lil istess Robinson ghas-sodisfazzjon. RUG kienet giet kuntattjata mill-konvenut tant illi fl-ittra li huwa baghat lil Joseph Mifsud, il-konvenut (permezz tal-avukat tieghu) kiteb hekk – *My client would like to inform you that the performance rights of the abovementioned activity were <u>only issued on his behalf</u> limited to the two*

*performance dates* (enfasi tal-Qorti). U hekk jidher hu tassew, skont l-ittra ta' David Robinson *(*a fol. 109*)*. Ghal din il-Qorti dan huwa konferma illi d-dirigenti tal-kumpannija attrici ma kienux ghamlu kuntatt ma` RUG qabel il-*General manager* tal-kumpannija attrici ghamel kuntatt ma` David Robinson fejn esiga l-hlas.

Kienx hemm ammissjoni ta' htija da parti tal-konvenut difficli jinghad fuq il-pjan ta' dritt fl-ewwel lok ghaliex kemm bil-miktub kif ukoll viva voce *sotto giuramento* il-konvenut ighid biss li kien qed ihossu *morally responsible* li l-kumpannija attrici ma thallsitx 80% tal-ispejjez tal-kuncert minghand RUG u fit-tieni lok ighid li l-impenn tieghu li jhallas Lm 20,800 lill-kumpannija attrici sar minghajr pregudizzju.

Il-kwadru li johrog minn dan l-intrecc ta' provi huwa li l-konvenut ikkommetta ruhu mal-principal tieghu li jressaq sponsor in alternattiva ghall-HSBC meta f`idejh ma kellu prattikament xejn, forsi haseb li seta` jgib dak is-sostenn finanzjarju izda fir-realta` kellu biss tama. Fl-istess waqt, din il-Qorti tosserva wkoll illi s-socjeta' attrici ma ssalvagwardjatx l-interessi taghha peress illi m'ghamlitx il-verifiki li kellha taghmel rigward dak illi l-konvenut kien qed jghidilha u ma dahlitx fi ftehim vinkolanti ma' l-i*sponsors* jekk dawn verament wrew ix-xewqa illi jkunu tali. Kollox sar verbalment u fuq il-fiducja. U fin-negozju dan wahdu mhux bizzejjed.

**Kollox konsiderat bl-akbar reqqa, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ghandu jinkorri 75% tar-responsabilita` ghat-telf attwali subit mill-kumpannija attrici filwaqt li l-25% l-ohra ghandha tbatihom l-istess kumpannija attrici.**

**Ikkunsidrat –**

In linea generali, din il-Qorti tghid li meta tkun accertata responsabilita` (shiha jew parzjali) il-mument tal-likwidazzjoni tad-danni ghandu jigi trattat b`kawtela sabiex jigi evitat pregudizzju lil parti jew onerozita` zejda lill-parti l-ohra.

Tibqa` centrali fil-mizura ta` gudizzju li l-funzjoni primarja tar-risarciment hi dik tal-kompensazzjoni ghall-pregudizzju kkagunat. Stabbilit li kien hemm responsabilta` *ex contractu* parzjali da parti tal-konvenut, isib applikazzjoni ghall-kaz tal-lum dak li jipprovdi l-Art.1135 tal-Kap.16 ("*id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b'mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef*")

Thares minn fejn thares, kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skond parametri objettivi. Il-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofra dak id-dannu. Jinkombi ghalhekk lill-kumpannija attrici l-prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu. Fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut ma ressaq l-ebda kontestazzjoni vera u propja tal-quantum pretiz mill-kumpannija attrici. B`daqshekk pero` ma jfissirx li din il-Qorti tista` tiddeklina mid-dmir taghha li tgharbel hi b'mod objettiv il-pretensjoni attrici. Lill-gudikant huwa rikonoxxjut anke fil-ligi taghna il-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf bl-applikazzjoni anke tal-kriterju tal-ekwita` bhala valur sussidjarju.

Il-pretensjoni attrici hija ghall-ammont ta' Lm 32,708.50 in kwantu ghal Lm 26,671 li kellhom ikunu koperti mill-isponsor li ma giex, Lm 1,000 bhala hlas lil PBS Limited ghall-filmat tal-kuncert u Lm 5,037.50c bhala VAT tad-direttur tal-orkestra.

Din il-Qorti ssibha difficli taccetta li l-konvenut jista` jkun responsabbli ghall-hlas tal-VAT ta' l-orkestra ngaggata sabiex taghti l-kuncert. Sinjifikanti huwa dak li

kiteb Joseph Mifsud li dak iz-zmien kien Chairman u direttur tal-kumpannija attrici f`*email* li baghat lill-*General manager* (a fol. 137) - *I would appreciate to learn the latest position regarding the request to Mro Prof Joe Vella re Vat receipts for the various payments made to him in connection with the 50th anniversay celebrations as thinking it twice, it is Profs Vella responsibility to pay the Vat and not Noel.* U din il-Qorti tghid li l-istess Joseph Mifsud kellu ragun, fl-assenza ta` prova konklussiva li l-VAT ma kellhiex tkun a kariku ta` l-istess Maestro Vella.

**Ghal din il-Qorti, il-quantum tad-danni li fuqu ghandha tkun meqjusa ir-responsabilita` tal-konvenut effettivament jammonta ghal Lm 27,671. Minnu l-konvenut attwalment ghandu jhallas Lm 20,753.25 u cioe` €48,342.06.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Fl-ewwel lok, tilqa` parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Fit-tieni lok, tiddikjara lill-konvenut responsabbli sal-grad ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%) ghad-danni li garrbet il-kumpannija attrici fic-cirkostanzi fuq riferiti.**

**Fit-tielet lok, tillikwida d-danni tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf tliet mija tnejn u erbghin Ewro punt zero sitta centezmi (€48,342.06).**

**Fir-raba` lok, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' sitta u tletin elf mitejn sitta u hamsin Ewro erbgha u hamsin**

**centezmu (€36,256.54) bl-imghax legali b'effett mil-lum.**

**<u>Fil-hames lok</u>, tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-konvenut u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-kumpannija attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------